



Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11518/22

PI 90

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11110/22
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE: ma hemmx protezzjoni sħiħa" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE – ma hemmx protezzjoni sħiħa", kif approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

**Rapport Speċjali Nru 6/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
"Drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE – ma hemmx protezzjoni sħiħa"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 6/2022: "Drittijiet ta' proprjetà intellettuali tal-UE – ma hemmx protezzjoni sħiħa";
2. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali, li jindirizzaw l-effettività tal-qafas regolatorju tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (DPI) dwar it-trademarks, id-disinji u l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE u tal-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll tal-kontrolli tal-infurzar tad-DPI fl-Istati Membri, għall-perjodu minn Jannar 2017 sa April 2021;
3. IQIS li r-Rapport Speċjali huwa kontribut utli għar-riflessjonijiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar kif tista' tissaħħaħ aktar is-sistema tad-DPI, l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħha, u l-appoġġ tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) f'dan l-isforz;
4. JIRRIKONOXXI, f'dak ir-rigward, l-importanza li jitlesta u jiġi aġġornat il-qafas regolatorju tal-UE għad-DPI u, b'mod partikolari, fir-rigward tas-suġġetti li ġejjin:

Indikazzjonijiet ġeografiċi

5. IFAKKAR fl-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġni u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG), li kkontribwixxa għat-titjib, il-modernizzazzjoni u r-reċiproċità tas-sistemi ta' protezzjoni tal-IG fil-livell globali;
6. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, fejn il-Kunsill tenna li kien lest jikkunsidra l-introduzzjoni ta' sistema għall-protezzjoni *sui generis* ta' prodotti mhux agrikoli fil-livell tal-UE u fil-konsultazzjoni pubblika tad-29 ta' April 2021;

7. JIRRIKONOXXI l-importanza li jitlestha u jiġi aġġornat il-qafas regolatorju tal-UE għad-DPI u, f'dak il-kuntest, li tiġi kkunsidrata estensjoni tas-sistema ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-UE għal prodotti mhux agrikoli biex tiġi pprovduta protezzjoni effiċjenti għal dawn il-prodotti fit-territorju kollu tal-Unjoni, in-nuqqas attwali ta' armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri li jirriżulta fi frammentazzjoni tas-suq intern u b'hekk JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika għall-artiġjanat u l-prodotti industrijali, li għaliha qed jagħti kunsiderazzjoni attiva;
8. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali rigward ir-reġim eżistenti ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika għall-prodotti agrikoli, JIRREFERI għall-appelli tal-Istati Membri fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd fis-7 ta' April u t-13 ta' Ġunju 2022 biex jikkonsolidaw u jsaħħu aktar dan ir-reġim, u għalhekk, HUWA IMPENJAT li jeżamina l-proposta tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2022 f'dan il-kuntest;

Disinji industrijali

9. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Novembru 2020 dwar il-politika tal-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni, li diġà enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi mmodernizzata s-sistema ta' protezzjoni għad-disinji industrijali fl-UE sabiex tkompli tiġi armonizzata l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;
10. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-konsultazzjoni pubblika tad-29 ta' April 2021 u l-kontribuzzjonijiet differenti riċevuti;
11. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti leġiżlattivi korrispondenti mingħajr aktar dewmien, biex tagħmel il-protezzjoni tad-disinji aktar aċċessibbli u attraenti għall-kreaturi u n-negozji, u speċjalment għall-SMEs;
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tuża din l-oportunità biex timplimenta kontroll ta' oġġetti fi tranżitu, kif diġà stabbilit għat-trademarks, u biex tikkunsidra l-protezzjoni tal-partijiet komponenti ta' prodotti kumplessi użati għal skopijiet ta' tiswija, bil-ħsieb li jiġi kkompletat is-suq uniku;

Trademarks

13. IFAKKAR li riforma komprensiva tas-sistema tat-trademarks tal-UE, immedija fl-2009, tlestiet fl-2017 permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1001;
14. JISTENNA B'INTERESS l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif previst fl-Artikolu 210;
15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tagħha, biex tqis l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

Infurzar

16. IFAKKAR fil-karattru ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva dwar l-Infurzar tad-DPI (IPRED), l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-IPRED fl-2017, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-infurzar tal-PI tal-1 ta' Marzu 2018, tal-10 ta' Novembru 2020 u tat-18 ta' Ġunju 2021;
17. FILWAQT LI HUWA KONXJU tal-ħsara kkawżata mill-falsifikazzjoni, kif enfasizzat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, stmata mill-EUIPO li tammonta għal 6.8 % tal-importazzjonijiet annwali totali tal-UE, EUR 83 biljun fi dħul mitluf għall-ekonomija, kif ukoll 400,000 impjieg mitluf¹;
18. JIEĦU NOTA tas-sejħa tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2022 għal evidenza; JISTENNA B'INTERESS il-preżentazzjoni tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra l-falsifikazzjoni fix-xhur li ġejjin ta' din is-sena, li għandu jkollu l-għan li jistabbilixxi azzjoni koerenti, effettiva u kkoordinata kontra l-falsifikazzjoni, kemm online kif ukoll offline, b'mod partikolari permezz ta' aktar kondiviżjoni ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn id-detenturi tad-drittijiet, l-intermedjarji u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u tal-UE; JENFASIZZA l-importanza li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-inizjattivi u n-networks, filwaqt li jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet transfruntiera, u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji;

¹ EUIPO, 2020 Status Report on IPR Infringement.

Governanza u l-obbligu ta' rendikont

19. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet li saru fir-Rapport Speċjali rigward il-qafas ta' governanza u l-obbligu ta' rendikont tal-EUIPO kif ukoll it-tweġibiet diġà pprovduti mill-Uffiċċju u mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dawn l-osservazzjonijiet;
 20. JISTIEDEN lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex iżżomm lill-Kunsill infurmat dwar rapporti tal-awditjar futuri dwar il-proprjetà intellettuali.
-